# Il-Frangiskan f'Malta: 100 Sena Provinċja

P. Anton Farrugia, ofm

Din is sena l Provinċja Franġiskana Maltija qed tfakkar għeluq il mitt sena mit twaqqif tagħha. Kien eżattament nhar it 12 t' April tas sena 1914 li l Ministru Ġenerali ta' dak iż żmien, ir Reverendissimu Patri Pacifico Monza wara li hu nnifsu żar Malta u Għawdex għolla l kunventi ta' dawn il gżejjer, sa dakinhar Kustodja ta' San Ġwann Battista, għall grad ta' Provinċja taħt it titlu ta' San Pawl Appostlu.

Madanakollu din il ġrajja li seħħet mitt sena ilu għandha warajha storja twila ta' aktar minn 500 sena li ċertament ma nistgħux nirrakkuntawha hawnhekk! Ngħidu biss li l preżenza tal patrijiet Franġiskani li bdiet hawn ġewwa l Ħamrun fl 1947 hija frott il ħidma ta' tant u tant Franġiskani li ġew qabel. Fosthom ta' min isemmi lill Fra Diegu Bonnano li rabat ismu ma' din il lokalità bl istitut li waqqaf għat tfajliet iltiema.

L ewwel patrijiet Franġiskani, dak iż żmien magħrufa bħala Osservanti, waslu Malta minn Sqallija u sal-1790, meta ssawret il Kustodja Matija għall ewwel darba, il patrijiet kienu dipendenti mis superjuri Sqallin.
L Ingliżi, meta ħadu lil Malta taħt idejhom, riedu jtemmu kull dipendenza tar reliġjużi ma' kull awtorità ekkleżjastika barranija, barra dik direttament ma' Ruma. Dan wassal biex nhar is 26 ta' Lulju 1838, il Ministru Ġeneral P. Giuseppe Maria Maniscalco ddikjara l kunventi Maltin bħala Kustodja għat tieni darba, taħt it titlu ta' San Ġwann il Battista.

Hawnhekk ma nistgħux ma nsemmux lil P. Anton Marija Cesal li kien fil veru sens tal kelma l bennej tal Provinċja Franġiskana Maltija. Kien hu li laqa' mingħand Dun Pawl Vella l knisja tas Sacro Cuor li kien bena f'tas Sliema li aktar tard saret parroċċa. Kien ukoll dan il patri ħabrieki li waqqaf ġewwa l gżira Għawdxija l knisja u l kunvent ta' Sant'Antnin maħsub bħala kulleġġ serafiku għall formazzjoni tat tfal u ż żgħażagħ għall ħajja Franġiskana. B'hekk b'erba' kunventi ffurmati, il Franġiskani Maltin setgħu jsiru provinċja awtonoma kif fil fatt saru bir rieda ta' P. Cesal li kif kien jixraq ġie magħżul bħala l ewwel provinċjal.

Wara t twaqqif tal Provinċja, nhar l Għid il Kbir tas sena 1952, inbeda l bini tal knisja ddedikata lil San Franġisk fl għoti tal pjagi mqaddsa ġewwa l Ħamrun. Fl 1958 infetħet id dar tal irtiri Porziuncola f'Baħar iċ Ċagħaq li snin wara żdiedet magħha l knisja ta' Santa Marija tal Anġli u fl 1971 il Laboratorju tal Paċi f'Ħal Far, intitolat lil San Ġwann XXIII.

*ikompli f'paġna 37*



Meta l-patrijiet daħlu fil Ħamrun, il Parroċċa tal Kunċizzjoni kienet għadha ma ġietx imwaqqfa. Imma donnu li l Madonna riedet lil ulied San Franġisk jaslu qabilha għax il Franġiskani u l Immakulata ma jistgħux jinfirdu minn xulxin! Ir rabta tal Ordni Franġiskana mal Kunċizzjoni hija twila u qadima. Kienu l Franġiskani li ħafna snin qabel id definizzjoni tad Domma tal Immakulata ddefendew it tagħlim dwar it tnissil bla tebgħa ta' Marija u xerrdu mad dinja kollha l imħabba u l qima lejn din l Omm l aktar safja. Irroddu ħajr lil Alla u lil Marija Immakulata, Sultana u Padruna tal Ordni tal Minuri, għal tant u tant ġid li wettqu wlied San Franġisk matul is snin, mhux biss hawn ġewwa l Ħamrun imma kull fejn kienu jew għadhom preżenti, f'Malta u lil hinn minnha.

